# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A. (HONS) LL.D. – PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI LL.D.**

**Seduta ta’nhar il-Gimgha, 2 ta’ Novembru, 2001**

**Numru 12**

**Rikors Nru. 704/99 CFS**

**Odette Federoff armla minn James Federoff**

**vs**

**Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Ministeru tal-Gustizzja, l-Avukat Generali, ir-Registratur taz-Zwiegijiet, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Affarijiet tal-Intern, Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

**<u>Ir-rikors promotur</u>**

Ir-rikorrenti armla minn James Federoff ipprocediet quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza taghha kostituzzjonali kontra l-intimati b’dan ir-rikors li bih talbet rimedju xieraq ghall-allegat ksur tal-jedd fondamentali taghha:-

“L-attrici wara li ppremettiet illi fis-27 ta' Novembru 1988 izzewget lil James Fedoroff li minnu kellha t-tifla Marijana li llum ghandha disgha (9) snin, li wkoll iggib il-kunjom ta' Fedoroff;

Illi l-imsemmi James Fedoroff miet fis-6 ta' Frar, 1993 u ghalhekk fl-istess data romlot rrikorrenti;

Illi ghal dawn l-ahhar hdax-il sena r-rikorrenti dejjem agixxiet civilment u socjalment bil-kunjom Fedoroff. Kellha t-tifla fuq imsemmija b'dan il-kunjom, xtrat propjeta' b'dak il-kunjom u l-atti kollha civili dejjem gabet dak il-kunjom;

Illi r-rikorrenti illum hija gharusa lil certu Christopher Falzon u diga ffissat il-gurnata tat-tieg taghha ghall-10 ta' Lulju, 1999. Meta pero' marret ghand ir-Registratur taz-Zwigijiet fejn urietu xewqa taghha li wara z-zwieg ma’ Christopher Falzon riedet li zzomm u tippreserva l-kunjom Fedoroff, dan l-ahhar spjegalha li dan ma jistax ikun peress li l-ligi ma tippermettix;

Illi in sostenn tar-rifjut tieghu, ir-Registratur taz-Zwigijiet ghamel referenza ghall-artikolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn tabilhaqq jistabilixxi illi xebba biss tista' zomm kunjom xbubtiha jekk tizzewweg;

Illi r-rikorrenti ssostni li tali artikolu qieghed jikser id-drittijiet fundamentali taghha in kwantu li jiddiskrimina kontra taghha kemm fuq bazi ta' stat socjali, ghax hi armla u mhux xebba u kif ukoll abbazi ta' sess, ghax mentri ragel armel u anke jekk jghaddi ghat-tieni zwieg jista' jzomm kunjomu ta' armel mhux hekk fil-kaz tar-rikorrenti u kif wkoll peress li dan jikkostitwixxi trattament degradanti u indhul fil-hajja privata u familjari tar-rikorrenti [zieda awtorizzat b'digriet tat-8 ta' Gunju 1999];

Illi ghalhekk huwa car u manifest li d-disposizjoni tal-ligi fuq imsemmija sa fejn tirrigwarda nisa romol hija diskriminatorju bi ksur tal-artikolu 45 u 3, 8 [zieda awtorizata b'digriet tat-8 ta' Gunju 1999] u 14 tal-Kostituzzjoni u Konvenzjoni Ewropeja rispettivament.

Illi l-intimati kollha fuq imsemmija jew min minnhom, responsabbli taht il-ligi biex jassiguraw fil-kamp taz-zwigijiet li dan ma jsehhx bil-ksur fuq imsemmi.

Ghaldaqstant, r-rikorrenti talbet lil dina l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet imsemmija joghgobha (1) tiddikjara li l-artikolu 4 tal-

Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta safejn jirrigwarda lir-rikorrenti fuq armla li trid izzomm kunjomha ta' armla fit-tieni zwieg, jilledi u jikser id-drittijiet fondameltali taghha kif imharsa u protetta mill-artikolu 45 u 3, 8 [zieda awtorizata b'digriet tat-8 ta' Gunju 1999] u 14 tal-Kostituzjonali ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja rispetivament; (2) taghti dawk l-ordnijiet u provediment opportuni sabiex tali ksur ma jibqghax isehh."

## Risposta

L-intimati hekk eccipew ghar-rikors promotur:-

**"Premilinari**

1. Preliminarjament, illi a tenur ta' l-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazjoni u Procedura Civili, is-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru, is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja u Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet ta' l-Intern mhumiex il-legittimi kontradditturi f'din il-kawza ghax m'ghandhom x'jaqsmu xejn mal-proceduri u gew imharrka bla bzonn u ghalhekk ghandhom ikunu liberati mill-gudizzju.

**L-Artikolu 14 tal-konvenzjoni Ewropea**

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, m'hemm ebda ksur ta' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea ghaliex dan m'ghandux ezistenza indipendenti bhall-artikoli l-ohra tal-Kovenzjoni Ewropea. Dan iffisser li ma jistax jigi invokat ghalih bhalma, per ezempju, wiehed jista' jinvoka l-Artikolu 5 jew 9. Dan -nuqqas ta' indipendenza ta' dan l-artikolu johrog minnu biss mill-kliem ta' l-artikolu stess:

"The enjoyment of the rights and freedoms ***set forth*** in this Convention"

izda wkoll mill-kazistika Ewropea stess li bhala ezempju gie citat dan li gej:

"Article 14 de la Convention ... ne consacre li principe de non-discrimination ...que dans la joissance des droits et libertes reconnus; seule la violation pretendue d'un de ces droits et libertes par une des Parties contractantes peut faire l'objet d'un requete".

3. Ghal din ir-raguni kull referenza li saret fir-rikors promotorju ghal xi diskriminazzjoni minhabba sess jew stat socjali abbazi ta' l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea hija bla bazi fil-ligi.

4. Ghal kull bon fini qed jinghad wkoll li f'kaz ta' allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, il-punt tat-tluq huwa li wiehed irid iqabbel "like with like". Fis-stiwazzjoni li tidher fir-rikors promotorju dan ma jistax isir ghaliex waqt li ir-rikorrenti qed iqabbel 'armel' ma 'armla', mhux jinduna li diga tezisti differenza ghaliex waqt li armel QATT ma jkun biddel kunjomu, l-armla TKUN BIDDLET kunjomha ghax hadet dak ta' zewgha. Mela mhux qed isir tqabbil bejn iz-zewg sitwazzjonijiet identici u ghalhekk ma tistax titkellem dwar diskriminazzjoni.

5. Oltre dan, mhux kull diskriminazzjoni tmur kontra dan l-Artikolu tal-Konvenzjoni jew kontra l-Artikolu 45 tal-Kostituzjoni ghaliex diskrimiazzjoni tista' tkun ukoll gustifikata mic-cirkostanzi. Sa llum il-gurnata, minhabba li r-ricerki fir-Registru Pubbliku ghadhom jiddependu hafna fuq il-kunjomijiet tal-missier / ragel ghac-certezza ta' l-identita' ta' kull min ghamel xi transazzjoni, certa presa di posizione tal-Legislatur tkun fondata fuq din ir-raguni u mhux biex tiddiskrimina fuq bazi ta' status jew sess.

**L-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni**

6. L-Artikolu 4 tal-Kodici Civili lanqas ma jikser l-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tar-ragunijiet segwenti:

7. F'dan l-artikolu ma nsibu ebda referenza ghal status socjali u l-bazijiet ta' diskriminazzjoni li wiehed jista' jinvoka huma elenkati fit-tielet paragrafu:

razza;<br>
post ta' origini;<br>
opinjonijiet politici;<br>
kulur;<br>
fidi; jew<br>
sess.

Din hija lista tassattiva u ma tistax tiggebbed ghal sitwazzjonijiet ohra. Imkien ma jidher il-kliem "status socjali" fil-lista t'hawn u ghaldaqstant id-dikriminazzjoni li qed tigi allegata fuq din il-bazi ma tissussistix.

8. Bhalama diga' ntqal aktar 'il fuq, hija assonja bazika f'kull determinazzjoni dwar diskriminazzjoni li wiehed irid jqabbel "like" with "like". Ir-rikorrenti qed tqabbel "armel" ma "armla" izda hawnhekk diga tezisti' differenza ghaliex waqt li armel QATT ma

jkun biddel kunjomu, arlma TKUN BIDDLET kunjomha ghax hadet dak ta' zewgha. Mela m'intix tqabbel zewg sitwazzjonijiet identici u ghalhekk ma jistax ikollok stat diskriminatorju.

9. Oltre dan id-difinizzjoni ta' "diskriminazzjoni" fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ghandha definizzjoni preciza:

"45 (3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser ghoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew prinicpalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva..."

Biex wiehed jara tezistix deskriminazzjoni ghalhekk irid joqghod ghal din id-definizzjoni. Is-sitwazzjoni li ghandek quddiemek trid tkun:

(i) qed taghti trattament differenti; u
(ii) dan it-trattament huwa attribwit ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva.

Jekk jonqos wiehed minn dawn l-elementi, allura m'ghandekx diskriminazzjoni skond il-Kostituzzjoni u fil-kaz prezenti, oltre dak li diga' ntqal li mhux isir tixbih "like with like", ghandek nieqes ukoll it-tieni element.

10. A skans ta' ripettizjoni, ara paragrafu (5) aktar `il fuq.

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-intimati sostnew li dina l-Qorti ghandha tichad it-talbiet kollha fir-rikors promotorju."

**<u>Risposta ulterjuri</u>**

L-intimati eccipew hekk ulterjorment:-

"Illi mix-xhieda tar-rikorrenti jidher car daqs il-kristall li mhix issofri xi forma ta` mohqrija jew tortura jew trattament inuman u degradanti skond l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Dan dejjem gie interpretat b` mod strett bhalma jidher fil-Greek case, kaz bikri fl-istorja tal-kazistika Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-bniedem li ghadu il-leading" case f'din il-materja. Il-kawza kellu x'jaqsam mal-mohqrijiet li wettqu l-kurunelli Griegi matul id-dittatura taghhom.

Dawn l-elementi jidhru ghal kollox assenti f'dan il-kaz.

> Lanqas mill-istess xhieda tar-rikorrenti ma jidher li hemm interferenza fil-hajja privata u/jew familjari taghha li xorta tista' tgawdihom it-tnejn bit-trankwillita' kollha, ikun xi jkun il-kunjom. Ghaldaqstant ma jidher li hemm ebda ksur ta' l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem."

**Decide**

B'sentenza tas-17 ta' Frar, 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet ir-rikors billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-intimati dwar l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u 14 tal-Konvenzjoni, u laqghet it-talba kontenuta fir-rikors u ddikjarat li l-artikolu 4 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn jirrigwarda armla li trid izzomm kunjomha ta' armla fit-tieni zwieg jilledi u jikser id-drittijiet fondamentali taghha kif imharsa u protetti mill-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Iddikjarat l-imsemmi artikolu safejn hu inkonsistenti kif fuq imsemmi hu bla effett ai termini tal-artikolu 3 (2) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta u ordnat li kopja ta' dik is-sentenza tigi komunikata lill-iSpeaker tal-Parlament. L-ispejjez relativi ghas-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru, s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja u s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet ta' l-Intern kellhom jithallsu mir-rikorrenti waqt li l-bqija kellhom jithallsu mill-intimati l-ohra.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Illi fit-8 ta' Gunju, 1999 ir-rikorrenti cediet il-kawza fil-konfront tas-Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru, is-

Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja u Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet ta' l-Intern.

Ir-rikorrent ikkonfermat li matul l-ewwel zwieg taghha akkwistat appartament li qieghed fuq isimha bil-kunjom Fedoroff, bhal ma huma l-investimenti bankarji, l-vot, dettalji fl-isptarr, u fil-posta. Hi hi maghrufa fix-xoghol voluntarju b'dak il-kunjom. It-tifla iggib il-kunjom Fedoroff inkluz fl-iskola. Ir-rikorrenti thoss li l-kunjom Fedoroff jwassal ghall-identita' taghha fis-sens li n-nies jafuha b'dan il-kunjom.

Missierha Alfred Balzan ikkonferma li hija kienet iggib il-kunjom ta' Fedoroff wara li zzewget. Irrefera ghall-preokkupazzjoni tat-tifla tar-rikorrenti dwar it-tibdil tal-kunjom.

Is-sur Bilocca – Registratur taz-Zwigijiet fir-Registru Pubbliku semma li r-rikorrenti kienet marret ir-Registru Pubbliku u qaltilhom li ser tizzewweg u staqsewha is-solitu dettalji inkluz dwar il-kunjom u hi rrispondiet li tixtieq izzomm il-kunjom Fedoroff. Qal li kienu qalula li jew izzomm kunjom xbubita jew kunjom ir-ragel li sejra tizzewweg u dan a tenur tal-artikolu 4 tal-Kap 16.

Il-Perit Lawrence Gatt semma l-problemi li kellu t-tifel ta' oht il-mara li mietet meta kellha tarbija ta' ghaxar xhur u nofs u li kien rabbieh hu u wara li miet missieru adottah. Semma l-problemi kbar li dahal fihom darba fl-Italja minhabba li dan it-tifel kellu l-kunjom Chetcuti.

Christopher Falzon l-gharus tar-rikorrenti semma li meta kienu imsiefrin flimkien u dehlin mill-Canada ghall-Amerika kellhom problemi minhabba it-tifla, u l-Pulizija ghamlulu diversi domandi. Dan l-incident kien konfermat mit-tifla.

L-artikolu 4 tal-Kapitolu 16 li ghalih ghamlet riferenza r-rikorrenti jghid hekk:

> "**4.** (l) Il-mizzewgin ghandhom maz-zwieg jiehdu l-kunjom tar-ragel u martu tista' zzid kunjom xbubitha mieghu.
> (2) Il-mara tista', minflok, taghzel li zzomm kunjom xbubitha li warajh tista' zzid kunjom zewgha.
> (3) Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom.
> (4) Jekk il-mara jkollha l-hsieb li zzomm kunjom xbubitha wara z-zwieg hija ghandha, qabel iz-zwieg, hekk tiddikjara l-hsieb taghha qabel il-pubblikazzjoni tad-tnidijiet skond l-Att dwar iz-zwieg u

> ghandha tissottoskrivi d-dikjarazzjoni relattiva fl-att taz-zwieg. Dik id-dikjarazzjoni tkun irrevokabbli…"

Ir-rikorrenti pprezentat ir-rikors ghax thoss li l-artikolu 4 tal-Kap 16 jmur kontra l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem minhabba li hi armla xtaqet li wara li terga tizzewweg izzomm il-kunjom ta' Fedoroff u cioe' l-kunjom taghha ta' l-ewwel zwieg. L-intimati jsostnu li ma tistax ghax hi tista' ma' kunjom ir-ragel zzid kunjom xbubitha, jew zzomm kunjom xbubitha li warajh tista' zzid kunjom zewgha.

Ir-rikorrenti sostnit li dan l-artikolu jmur kontra l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. L-artikolu 3 jipprovdi hekk:

> "Hadd ma ghandu jkun assoggettat ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti."

Ghalhekk jinkombi li r-rikorrenti tipprova li hi giet assoggettata ghal tortura jew ghal trattament jew piena inumana jew degradanti. Fil-kawza Joseph Zahra vs Ministru tal-Gustizzja et deciza 4/10/90 mill-Prim' Awla gie deciz li trattament inuman ikopri tbatija, mentali u fisika, li fic-cirkostanzi partikolari mhux gustifikat ( ara Guzeppa Galea vs Segretarju tad-Djar et ). Trattament inuman jivvjola d-dinjita' umana tal-vittma. Ghalhekk irid ikun hemm intenzjoni illecita u azzjoni ingustifikabbli fid-dawl tas-sitwazzjoni socjali. Il-fatt tar-rikorrent Zahra li jigi trasferit ghal post tax-xoghol il-boghod minn fejn joqghod jikkawzalu tbatija u spejjez izda ma jistax jitqies inuman u degradanti. Il-Kummissarju tal-Pulizija ghandu d-dritt jittrasferixxi membri tal-Korp fejn irid. Ukoll fil-kawza Dottor Irene Bonello vs Onor Prim Ministru deciza fil-5 ta' Ottubru, 1998 il-Qorti irriteniet li "It-trattament degradanti li trid il-ligi jrid ikun marbut ma' sitwazzjoni fejn l-oggett ta' tali deportament jkun taht il-kontroll tal-persuna li tezercitah u inoltre li tali trattament ikun ta' certa' gravita'" [ara wkoll Onor J Debono Grech vs Albert Mizzi et.]

Ma jistax ikun li din il-Qorti tqis il-fatt li persuna mhux ser ikollha d-dritt li zzomm il-kunjom tal-ewwel zwieg taghha matul it-tieni zwieg bhala forma ta' tortura jew trattament degradanti. Ghaldaqstant tilqa' l-eccezzjoni tal-intimati li ma hemmx lezzjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u lanqas tal-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

Issa r-rikorrenti sostnit ukoll li l-agir tal-intimat jammonta ghal ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea. Dan jghid:

> "(1) Kulladd ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu.
>
> (2) Ma ghandux ikun hemm indhil minn awtorità pubblika dwar l-ezercizzju ta' dan id-dritt hlief dak li jkun skond il-ligi u li jkun mehtieg f'socjetà demokratika fl-interessi tas-sigurtà nazzjonali, sigurtà pubblika jew il-gid ekonomiku tal-pajjiz, biex jigi evitat id-dizordni jew l-eghmil ta' delitti, ghall-protezzjoni tas-sahha jew tal-morali, jew ghall-protezzjoni tad-drittijiet u libertajiet ta' haddiehor."

Hawn wiehed irid jirrifletti sewwa fuq il-kliem "ghandu d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu, ta' daru u tal-korrispondenza tieghu". Certament il-kliem ta' daru u tal-korrispondenza tieghu ma jaghtu ebda dawl fuq il-kaz; izda d-dritt ghar-rispett tal-hajja privata tieghu u tal-familja tieghu ghandhom bzonn jigu ezaminati. Rispett ghall hajja privata tirrifletti fuq kwantita' ta' aspetti izda fil-fehma ta' din il-Qorti hemm fosthom id-dritt ta' persuna li jkollha kunjomha rispettat u mhux biss dak li titwieled bih izda anke dak akkwizit permezz tal-atti l-ohra bhall-adozzjoni u zwieg. Meta persuna ssir maghrufa bil-kunjom gdid dan jifforma parti mill-hajja privata tal-individwu b'mod li jifforma parti mill-personalita' tal-istess persuna. Dan jassumi noti aktar qawwija jekk il-kunjom jkun ftit differenti u jekk il-persuna koncernata ma tkunx taghmel xoghol solitament maghmul minn kwantita' ta' persuni ohra. Il-kunjom jifforma parti mill-hajja privata u jaghmel ness qawwi u ta' importanza fundamentali bejn il-genituri u l-ulied b'mod li fost dawk li jixtiquh hu essenzjali li jintwera kontinwament li t-tali tifla hi bint it-tali persuna. Dan certament fil-fehma ta' din il-Qorti jikkostitwixxi parti mill-hajja privata ta' kull persuna u tal-familja taghha.

Jigi osservat li l-emendi tal-1993 propju enfasizzaw dan id-dritt ta' persuna li tkun maghrufa b'kunjom u li tixtieq tibqa' konnessa ma' dak il-kunjom bhala parti mill-hajja privata taghha u ta' familtha li tkun tista' taghmel dan. Infatti gie moghti d-dritt lill-mara li zzid kunjom xbubita ma' ta' zewgha, jew li zzomm kunjom xbubitha li warajh tista' zzomm kunjom zewgha. Il-legislatur dan ma ghamlux frivolozament izda ghax hass li mara li tizzewweg ghandha dritt li fil-hajja privata taghha jkollha d-dritt li zzomm in-ness mal-hajja antecedenti taghha u ma' familtha. Dan jassumi aktar serjeta' meta armla li trid terga tizzewweg tkun trid turi lill-bqija tad-dinja li bintha hija taghha u dan huwa necessarju kontinwament jekk persuna trid turi dan in-ness fl-iskola ma' tfal ohra u ghalliema [ u parents' day], fi sports u l-hajja socjali, f'negozzju jew professjoni, fis-safar kif issemma mix-xhieda f'dan

il-kawza. Armla ghandha d-dritt li fil-hajja privata taghha ma tigix sbussolata l-identita' personali u socjali li kisbet matul iz-zmien.

Huwa mpossibli li l-legislatur jara antecedentement kull kaz possibli u hu ovvju li meta l-legislatur ried jirrispetta l-hajja privata tan-nisa li ser jizzewgu ma ippostulax il-kaz ta' armla u b'hekk irrizultat lakuna fil-ligi billi ma sarx provvediment ghar-romol li jergghu jizzewgu fejn l-ghazla dwar il-kunjom tigi mhollija f'idejn il-persuna li tkun sejra terga tizzewweg bl-istess mod li f'kaz ta' l-ewwel zwieg din l-ghazla thalliet mill-legislatur f'idejn l-gharusa.

Hu interessanti dak li qalet il-Qorti Ewropea fil-kaz ta' Bruggemann & Schenken vs Repubblika Federali tal-Germanja dwar x'sinifikat ghandu jinghata lill-kliem "private life" fl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni:
"Respect for private life comprises also, to a certain degree, the right to establish and develop relationships with other human beings, especially in the emotional field, for the development and fulfilment of one's own personality".

Huwa veru li fil-kawza Stjerna vs Finland [Dicembru 1994] tal-Qorti Ewropea hasset li xorta wahda ghandu jkun hemm "legal restrictions" fuq bdil ta' kunjomijiet fl-iStati kontraenti, izda dan ikkwalifikatu meta qalet "such a possibility could be justified in the public interest". Din il-Qort ma tistax fil-kaz in ezami ssib il-public interest ghaliex it-talba tar-rikorrent ghandha ma tigix milqugha.

Illi ghalhekk jirrizulta li hemm ksur tal-artikolu 8 tal-Konvenzjoni.

Ir-rikorrent semmiet l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Dan isemmi:

> "(1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5) u (7) ta' dan l-artikolu, ebda ligi ma ghandha taghmel xi disposizzjoni li tkun diskriminatorja sew fiha nnifisha jew fl-effett taghha.
> (2) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta' dan l-artikolu, hadd ma ghandu jigi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li tagixxi bis-sahha ta' xi ligi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika.
> (3) F'dan l-artikolu, il-kelma "diskriminatorju" tfisser ghoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli ghal kollox jew principalment ghad-deskrizzjoni taghhom rispettiva skond ir-razza, post ta' origini, opinjonijiet politici, kulur, fidi jew sess li minhabba fihom persuni ta' deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew

> ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta' deskrizzjoni ohra bhal dawn…"

L-artikolu 14 tal-Konvenzjoni jghid:

> "It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status iehor."

Fil-kawza Dr Victor Sultana vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim Ministru deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 1999 il-Qorti qalet:

"Hemm diskriminazzjoni meta persuni f'sitwazzjonijiet simili jigu trattati b'mod differenti minghajr ebda gustifikazzjoni ragjonevoli u oggettiva u fejn ma hemmx proporzjonalita' ragjonevoli bejn il-mezzi u l-ghan intenzjonat. Rikorrent irid jipprova li f'sitwazzjonijiet analogi rcieva tratatment differenti, aktar favorevoli. Ir-rikorrent irid jipprova li hu gie trattat b'mod ingust b'paragun ma' persuni ohra f'sitwazzjoni analoga. Jekk is-sitwazzjoni mhux analoga, ma hemmx l-obbligu ta' l-istat li jiggustifika t-trattament differenti."
Ara wkoll f'dan ir-rigward "Law of the European Convention on Human Rights" - Harris Boyle and Warbrick pag 462 et, u "Law and Practice of the European Convention on Human Rights" - Gomien Harris, and Zwack pag 345 et, u Vol LXXVII-I-127 u 136.

L-abili difensur tal-intimati sostna li imkien ma hemm ebda referenza ghal staus socjali u li din hija lista tassattiva.

Fid-dawl ta' dak imsemmi hawn fuq wiehed irid jara jekk l-ilment tar-rikorrenti hux gustifikat taht l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

Ir-rikorrenti ssostni li bl-applikazzjoni tal-artikolu 4 tal- Kodici Civili fil-konfront taghha jkun hemm diskriminazzjoni minhabba li hi sejra jkollha trattament differenti minn persuni ohra u cioe' minn ragel, armel, u xebba li tkun sejra tizzewweg. Fil-fehma ta' din il-Qorti dak imsemmi fis-sub-artikolu 3 tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni jikkwalifika l-kaz tar-rikorrenti taht dak li hemm dwar sess. Huwa fatt inkontestat li s-socjeta' sabet in-necessita' li maz-zwieg il-mara tibdel kunjomha, liema stat ta' affarijiet tbiddel fl-1993 permezz tal-emendi li ippermettew lill-mara li taghzel hekk li jibqa' jkollha ness dirett mal-kunjom ta' xbubitha. Ir-ragel

qatt ma kellu din il-problema u ghalkemm fil-fehma ta' kwantita' enormi ta' nisa kien gost u pjecir kbir li mill-gurnata taz-zwieg 'l quddiem hi tkun riferita bhala Sinjura … u l-kunjom tar-ragel, hemm parti sostanzjali ta' xebbiet illum il-gurnata li jkunu jixtiequ altrimenti jew li minhabba l-evoluzzjoni socjali tal-mara fis-seklu li qedghin fih specjalment mil-lat professjonali, politiku, kummercjali u taht aspetti ohra li jkun opportun li x-xebba li tkun ser tizzewweg tibqa' assocjata mal-kunjom precedenti. Issa la r-ragel, la l-armel, u lanqas ix-xebba ma huma marbuta bil-fors li jisgancjaw ruhhom totalment mill-istat pristin f'dak li jirrigwarda kunjomhom; izda l-armla giet f'pusizzjoni differenti u f'dan l-aspett il-ligi qed tiddisponi b'mod diskriminatorju minhabba l-effetti taghha."

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Minn din is-sentenza appellaw biss l-Avukat Generali u r-Registratur taz-Zwiegijiet u d-Direttur tar-Registru Pubbliku. Ir-rikorrenti u l-intimati l-ohra li fil-konfront taghhom ir-rikors kien gie cedut ma appellawx. Dan ifisser illi dik il-parti tas-sentenza appellata illi cahdet it-talba tar-rikorrenti in kwantu bbazata fuq allegata lezjoni tal-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, ghaddiet in gudikat u ma kienx jehtieg li din il-Qorti tiehu aktar konjizzjoni ta' dan l-aspett tal-vertenza. Kellha ghalhekk tillimita l-konsiderazzjonijiet taghha ghall-aggravju ta' l-appellanti fir-rigward tas-sejbien ta' ksur ta' l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll ta' l-artikoli 8 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja in kwantu l-Ewwel Qorti sabet illi l-artikolu 4 tal-Kodici Civili kien inkonsistenti ma' dawn id-disposizzjonijiet protettivi tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti u konsegwentement kien jintitolaha ghar-rimedju xieraq.

**L-artikolu 4 tal-Kap 16**

Il-Qorti kellha qabel xejn tanalizza l-artikolu 4 tal-Kap 16 li jirregola l-uzu tal-kunjom mill-mizzewgin u mill-ulied tal-familja. Dan proprju biex jigi stabbilit xi drittijiet kien jikkonferixxi fir-rigward ta' l-uzu ta' kunjom, fuq min kien jikkonfermahom u r-raguni ghaliex il-provvediment tal-ligi kien hekk jiddisponi. Provvediment illi kien gie sostitwit bl-Att XXI ta' l-1993 u li llum jaqra hekk:-

> "4. (1) Il-mizzewgin ghandhom maz-zwieg jiehdu l-kunjom tar-ragel u martu tista' zzid kunjom xbubitha mieghu.
>
> (2) Il-mara tista', minflok, taghzel li zzomm kunjom xbubitha li warajh tista' zzid kunjomha zewgha.
>
> (3) Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom.
>
> (4) Jekk il-mara jkollha l-hsieb li zzomm kunjom xbubitha wara z-zwieg hija ghandha, qabel iz-zwieg, hekk tiddikjara l-hsieb taghha qabel il-pubblikazzjoni tat-tnidijiet skond l-Att dwar iz-Zwieg u ghandha tissottoskrivi d-dikjarazzjoni relattiva fl-att taz-zwieg. Dik id-dikjarazzjoni tkun irrevokabbli … …" (sottolinejar ta' din il-Qorti)

Hu mmedjatament car li bid-disposizzjoni gdida l-legislatur ried jassigura zewg ghanijiet ewlenin fir-rigard ta' l-uzu tal-kunjom mill-membri ta' l-istess familja.

(1) Ried jassigura li l-familja tigi fl-ewwel lok identifikata bil-kunjom tar-ragel. Dan kien principju ghal-ligi Maltija inderogabbli. Is-subinciz (1) jesigi li l-mizzewgin ghandhom maz-zwieg jiehdu l-kunjom tar-ragel. Dan ifisser illi r-ragel maz-zwieg ma setghax jaghzel illi jiehu kunjom li ma kienx tieghu. Ma setghax jaghzel li jiehu l-kunjom ta' martu ad eskluzjoni tieghu. Lanqas seta' strettament izzid kunjomha ma tieghu ghalkemm martu setghet taghzel li zzomm kunjom xbubitha u zzid mieghu il-kunjom ta' zewgha. F'din l-eventwalita' u jekk il-mara taghmel din l-ghazla, il-kunjom tar-ragel ikun jiffigura mhux biss naturalment kunjomu imma wkoll kunjom martu. Kien dan il-kunjom li dejjem u f'kull kaz jigi trasmess lill-ulied.

(2) Infatti li s-subinciz (3) jipprovdi tassattivament illi:-

> "L-ulied fiz-zwieg (mhux dawk ta' barra z-zwieg) jiehdu kunjom missierhom".

F'dan allura l-ulied ma kellhom l-ebda ghazla. Dan proprju ghax hekk biss il-legislatur seta' jassigura l-identita' u l-kontinwita' tan-nukleju familjari. L-ulied jinghataw biss il-fakolta' li wara kunjom missierhom izidu kunjom xbubit ommhom.

(3) Assigurata din l-esigenza socjali primarja fl-ordinament tas-socjeta', il-legislatur ried ukoll jipprovdi ghall-esigenzi ta' l-ugwaljanza

tas-sessi billi jaghti l-opportunita' lill-mara li tkun ser tizzewweg jew li tkun izzewget id-dritt li tippriserva l-identita' personali taghha awtonoma u ndipendenti minn dik tar-ragel li mieghu tkun ser tizzewweg. Hi allura inghatat id-dritt li taghzel jekk trid (tista') li zzomm kunjom xbubitha waqt li warajh setghet, jekk trid, izzid kunjom zewgha. Il-mara allura setghet maz-zwieg taghzel li bl-ebda mod ma zzomm kunjom zewgha wara li tizzewweg. L-istess kif ir-ragel ma kienx obbligat bl-ebda mod illi izid kunjom xbubit martu ma' tieghu. Setghet ukoll il-mara mizzewga jekk trid taghzel li zzid kunjom zewgha ma' taghha f'liema eventwalita' hi tkun qeghda zzomm in-ness mal-kunjom "familjari" impost bil-ligi anke jekk bhala t-tieni kunjom. Tista' wkoll hekk ma taghmilx.

(4) Bis-subinciz (1) u (2) ta' l-artikolu 4 taht ezami, il-legislatur ghamel ezercizzju rejali biex kemm jista' jkun jekwipara l-jeddijiet tar-ragel u tal-mara fir-rigward tal-kunjom li setghu jadottaw maz-zwieg. Dan waqt li jassigura kif inghad li l-interessi vitali tal-kollettivita' li jigu assigurati l-legami familjarji jigu sewwa mharsa. Ir-ratio legis hu nfatti motivat bil-liberta' taz-zewg konjugi li jaghzlu huma l-mod kif xtaqu li jibqghu jigu maghrufa wara z-zwieg u dana permezz tal-kunjom ta' l-ghazla taghhom. L-artikolu taht ezami allura imur ferm lil hinn mill-koncetti tradizzjonali, f'certu sens konservattivi, kif il-legislatur kien iqis li kienet il-funzjoni tal-kunjom ghall-fini ta' l-identita' tal-familja. L-artikolu infatti jirrifletti wkoll l-esigenzi tal-jeddijiet fondamentali kif protetti bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja. Il-kwistjoni quddiem il-Qorti

allura ma kenitx jekk id-disposizzjoni taht ezami ut sic kenitx jew le leziva ta' dawn il-jeddijiet fondamentali. Jekk xejn hi certament kienet giet introdotta recentement fil-Kodici Civili proprju biex telimina diskriminazzjonijiet cari li setghu jitqiesu li kien hemm u li kienu lezivi tal-jeddijiet fundamentali bejn ir-ragel u l-mara fl-uzu tal-kunjom proprju taghhom. Il-kwezit kien biss jekk id-disposizzjoni taht ezami kenitx jew le komprensiva bizzejjed biex tkopri l-fatti in kawza kif esposti fir-rikors promotur u jekk hekk ma kenitx, kif fil-fatt hu, setghax jitqies li dan in-nuqqas kien jikkostitwixxi lezjoni tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrenti kif qed tallega fl-istess rikors.

Id-disposizzjoni kif issa redatta tassigura d-dritt tar-ragel li jzomm kunjomu wara z-zwieg, id-dritt tax-xebba li zzomm kunjomha wara z-zwieg u d-dritt ta' l-ulied li jzommu kunjom il-genituri taghhom, ma taghtix l-istess opportunita' lill-armla li tkompli zzomm il-kunjom li akkwistat biz-zwieg antecedenti taghha u li bih kienet maghrufa, jekk tigi biex terga' tizzewweg. Il-ligi timponila illi jekk hi riedet izzomm l-identita' fil-kunjom differenti minn dik tat-tieni ragel taghha, hi kellha bil-fors tirriverti ghal kunjom xbubitha.

**<u>Lezjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja.</u>**

L-Ewwel Qorti sabet li din id-differenza kienet tikkostitwixxi ksur ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghaliex skond il-fehma taghha "ir-

rispett ghall-hajja privata tinkludi d-dritt ta' persuna li jkollha kunjomha rispettat u mhux biss dak li titwieled bih izda anke dak akkwizit permezz ta' atti ohra". L-appellanti jissottomettu li ma jidhirx li din hija l-fehma tal-Qorti Ewropeja ghaliex qatt ma rriteniet li xi hadd kellu d-dritt taht l-artikolu 8 li jaghzel liema isem jew kunjom irid jew li jibdel kunjomu meta u x'hin irid skond kemm ikun sabih il-kunjom li jixtieq jadotta jew izomm. Ghall-kuntrarju hi rriteniet illi l-prattika u l-ligi fid-diversi stati Ewropej kienu tant differenti bejn pajjiz u iehor li ma setghetx tghid li kien hemm xi principji generali stabbiliti mifruxa ma' l-Ewropa kollha dwar dan il-punt. Jissottomettu wkoll illi "l-hajja privata ma tikkonsistix sempliciment f'kunjom li hadt fiz-zwieg, lanqas hemm x'izommok li fil-hajja pubblika tieghek (ghajr dokumenti pubblici) izzid jew iggib liema kunjom trid jekk thossok komdu li taghmel dan".

Huma jirreferu principalment ghal zewg sentenzi tal-Qorti Ewropeja, "Guillot vs France" deciza fl-24 ta' Ottubru 1996 u "Stjerna vs Finland" deciza fil-25 ta' Novembru, 1994. L-ewwel kaz kien jirrigwarda talba ghat-tibdil fl-isem, u fit-tieni kaz talba ghal tibdil ta' kunjom. Ghalkemm il-konsiderandi f'dawn is-sentenzi jitfghu dawl fuq il-principji legali li kellhom jiggvernaw il-mertu taht ezami, huma ma kienux jattaljaw mal-fatti in kawza. Dan proprju ghaliex fiz-zewg kazi, l-applikant kien qed jitlob illi <u>jibdel</u> l-isem jew il-kunjom ghal wiehed differenti <u>minn dak illi attwalment kellu</u> jew kien bil-ligi tal-pajjiz intitolat ghalih. Fil-kaz taht ezami kien proprju l-kontra. L-applikant kellha legalment il-kunjom li

akkwistat fl-ewwel zwieg taghha u kienet qeghda tgawdih. Kien allura stat ta' fatt li jaqbel ma' l-istat ta' dritt. Kuntrarjament ghas-sitwazzjoni fiz-zewg kazijiet appena citati, l-appellata kienet qeghda tigi kostretta tabbanduna l-kunjom li kienet akkwistat u li kien taghha fuq il-fatt biss li kienet sejra tizzewweg. Fil-kaz taht ezami, l-applikanti ma riedet tibdel xejn. Riedet biss id-dritt li tippreserva dak li kellha u li kien taghha. Dritt li jinghata lil kull persuna ohra skond il-ligi, kif issa emendata, pero' li kjarament ma jinghatax lilha. Din il-Qorti ma tikkontestax is-segwenti insenjament tal-Qorti Ewropeja fil-kawza "Stjerna vs Finland" appena citata.

"*Despite the increased use of personal identity numbers in Finland and in other contracting states, names (surnames) retain a crucial role in the identification of people. Whilst therefore recognising that there may exist general recess prompting an individual* <u>to wish to change</u> (sottolinejar ta' din il-Qorti) *his or her name (surname), the Court accepts that legal restrictions on such a possibility may be justified in the public interest, for example, in order to ensure accurate population registration or to safeguard the means of personal identification and of linking the bearers of a given name to a family*".

Pero' hu car illi jekk xejn, dan l-insenjament isahhah il-konsiderazzjonijiet ta' l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata proprju ghaliex iz-zamma tal-kunjom li l-applikanti kienet attwalment tgawdi u

kien ser jigi preservat, ma kien ser ikun hemm l-ebda tibdil u konsegwentement biz-zamma tieghu kienu sejrin jigu salvagwardjati l-identifikazzjonijiet personali ta' l-appellata u r-rabta li kellha mal-familja li kellha qabel l-ewwel zwieg taghha. Rabta li din il-Qorti tqisha li hija ta' rilevanza fil-hajja ta' l-appellata, f'certi kazi ta' rilevanza kbira. Bizzejjed jinghad illi kien essenzjali ghall-appellata illi zzomm ir-rabta familjari anke permezz tal-kunjom bejnha u bejn uliedha mill-ewwel zwieg. L-appellata setghet ukoll akkwistat notorjeta' bil-kunjom akkwizit meta zzewget l-ewwel ragel taghha li jkollu wkoll valur ekonomiku u mhux sempliciment sentimentali – anke jekk dan ukoll kellu l-importanza tieghu. Dan apparti li l-appellata kellha kull interess illi tippreserva l-legam tal-kunjom akkwistat u minnha uzat ghal hafna snin ghaliex dan kien jidentifikaha ma' l-atti kollha tal-hajja civili u ma' l-gharfien taghha fis-socjeta' fid-diversi attivitajiet taghha. Fil-verita' l-istess ragunijiet li nducew u nponew fuq il-legislatur illi jaghti d-dritt lix-xebba u lill-ulied illi jekk iridu jippreservaw il-legam li kellhom mal-kunjomijiet familjari, kienu japplikaw mutatis mutandis ghall-kaz ta' l-armla li tkun tixtieq terga' tizzewweg. Din il-Qorti allura ma taqbilx ma' l-analizi ta' l-appellanti illi hawn si tratta ta' apprezzament ta' inkonvenjenzi li r-rikorrenti tista' ssofri jekk it-talba taghha tigi michuda. Dak l-ezami jista' jkun mehtieg u validu fejn si tratta ta' tibdil ta' isem jew kunjom li ma kienx diga' legalment akkwizit mill-applikant. Ma jistghax u ma kellux japplika fil-kaz ta' telfien ta' isem jew kunjom diga' legalment akkwizit.

"*The fundamental interest within the sphere of private life* (protett bl-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja) *is the capacity of the individual to determine his identity to decide and then to be what he wants to be. Within the individual's power are matters like* *<u>his choice of name</u>, his mode of dress and his sexual identity. There is not merely a right to a closet identity. He must be free to choose how he is to be regarded by the State and how to present himself to others*." (Harris, Boyle, Warbrick – Law of the European Convention of the Human Rights, page 305 et seq)

Dan naturalment waqt li jigi dejjem rikonoxxut u applikat il-principju tal-"*fair balance that has to be struck between the general interest of the community and the interest of the individual the search for which balance is inherent in the whole Convention*" ("Cossey vs U.K.", A. 184 para 37, 1990). "*Fair balance*" illi fl-ebda hin fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti ma gie suggerit mill-appellanti illi kien ser jigi b'xi mod disturbat jekk kellha tigi milqugha t-talba ta' l-appellata. Kif indikat hi l-fehma tal-Qorti illi ghall-kuntrarju dak il-"*fair balance"* jigi preservat proprju ghaliex jassigura kontinwita' fl-identita' u fl-identifikazzjoni.

Il-Qorti allura ssib illi l-appellanti ma avanzaw l-ebda "*reasonable and objective grounds*" li fuqhom qeghdin jibbazaw l-oggezzjoni taghhom ghat-talba ta' l-appellata. Il-Qorti allura ma tarax kif tista' ma ssibx l-

applikazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja gustifikata ghall-fatti taht ezami. Il-Konvenzjoni tiddikjara illi "*everyone has the right to respect for his* <u>*private and family*</u> *life, his home and his correspondence*". Certament u bla dubbju l-"*family life*" ta' individwu ma tinkorporax biss dak l-assjem ta' fatturi u cirkostanzi li jikkostitwixxu l-familja attwali ta' l-individwu imma wkoll tinkludi dawk ic-cirkostanzi familjari kollha li minnhom individwu jkun ghadda u li permezz taghhom ikun ikkreja relazzjonijiet u legami emozzjonali, materjali u socjali u xorta'ohra fil-qafas ta' familja. Din "l-istorja" ta' l-individwu - "*everyone*" u cioe' kulhadd u mhux biss l-Istat - kien obbligat li jirrispetta.

L-Istat imbaghad minn naha tieghu kien bl-istess Konvenzjoni fis-subinciz (2) ta' l-istess artikolu ristrett sa fejn seta' jindahal fl-ezercizzju ta' dan id-dritt. "*There shall be no interference by public authority with the exercise of this right except such as is in accordance with the law and is necessary in a democratic society in the interests of national security, public safety or the economic good being of the country for the prevention of disorder of crime, for the protection for health or morals or for the protection of the rights and freedoms of others*". Dan ma jistax ifisser haga ohra hlief illi fejn jirrizulta bhala fatt illi t-talba ta' l-applikanti kienet tissubentra fl-elementi tal-"*family life*" taghha – kif indubbjament hu l-kaz tal-kunjom li kienet attwalment tgawdi – kien jinkombi fuq l-Istat li jiggustifika l-interferenza fl-ezercizzju ta' dak id-dritt li tibqa' tgawdi dak il-kunjom ghal xi wahda mir-ragunijiet specifikati b'mod esklussiv li

setghu jiggustifikaw tali interferenza. Interferenza attiva in kwantu l-artikolu 4 tal-Kodici Civili posittivament jeskludi lir-rikorrenti mid-dritt li tibqa' tgawdi taht xi forma jew ohra l-kunjom proprju taghha akkwistat fl-ewwel zwieg u anzi jimponilha li tabbandunah jekk kif ghamlet terga' tizzewweg. Kien jispetta lill-appellanti allura f'din il-kawza illi jissodisfaw lill-Qorti illi din l-interferenza fid-dritt u r-rispett tal-hajja privata u familjari ta' l-appellata kienet gustifikata "*for the protection of the rights and freedom of others*". Jekk xejn il-fatti juri proprju l-kontra. Dan anke konsidrat il-"*wide margin of appreciation*" li l-Istat kellu fir-regolament ta' dawn il-materji.

Il-hsieb ta' din il-Qorti allura jsegwi l-insenjament gurisprudenzjali traccjat mill-Qorti Ewropeja fil-kaz "Burghartz vs Swtitzerland" deciz fl-24 ta' Jannar, 1994.

"*Unlike other some international instruments, such as the international covenant on civil and political rights (article 24, para 2), the Convention of the Rights of the Child of the 20th November, 1989 (articles 7 and 8), or the American Convention on Human Rights (article 18), article 8 of the Convention does not contain any explicit provision on names. As a means of personal identification and of linking to a family, a person's name nonetheless concerns his or her private and family life. The fact that society and the State have an interest in regulating the use of names, does not exclude this since these public law aspects are*

*compatible with private life conceived of as including, to a certain degree, the right to establish and to develop relationships with other human beings in professional or business contacts as in others (see mutatis mutandis "Niemietz vs Germany" judgement of 16th December, 1992, Series A. 251/B, page 33, para 29) … … By providing that as a general rule families should take the husband's surname (article 160 para 1 of the Swiss Civil Code), the Swiss legislature had deliberately opted for a traditional arrangement whereby family unity was reflected in a joint name. It was only in order to mitigate the rigour of this principle that it had also provided for a married woman's right to put her own surname in front of her husband's (article 160, para 2 of the Swiss Civil Code) … … The Court reiterates that the advancement of the equality of the sexes is today a major role in the member states of the Council of Europe. This means that very weighty reasons would have to be put forward before a difference of treatment on the sole ground of sex could be regarded as compatible with the Convention. In support of the system complained of, the Government relied firstly on the Swiss legislature's concern that family unity should be reflected in a single joint surname. The Court is not persuaded by this argument. Since family unity would be no less reflected if the husband added his own surname to his wife's, adopted as a joint family name, than it is by the converse arrangement allowed by the Civil Code*".

Fil-kaz taht ezami ma setghax jinghad illi l-mertu kien jirrigwarda allegazzjoni ta' diskriminazzjoni a bazi ta' sess. Jibqa' pero' l-principju illi l-interferenza ta' l-Istat fl-uzu tal-kunjom kien limitat mill-interess tieghu illi jassigura l-unita' tal-familja u l-identifikazzjoni tan-nukleju familjari. Interess dan li indubbjament hu pjenament salvagwardat fil-kaz taht ezami mill-fatt illi l-appellanti kienet fl-ewwel lok ser tassumi l-kunjom tat-tieni ragel taghha. Ma kien hemm allura xejn pregudizzjevoli ghall-interessi ta' l-Istat illi hi tithalla li, ma' dak il-kunjom, izzid il-kunjom attwali taghha qabel it-tieni zwieg u cioe' dak illi kienet akkwistat mill-ewwel zwieg taghha. Kull interferenza ta' l-Istat f'dan is-sens tirrizulta li hi limitattiva tad-dritt fondamentali ta' l-individwu protett bl-artikolu 8 in kwantu ma tinkwadrax ruhha fl-eccezzjonijiet previsti fis-subinciz (2) ta' l-istess artikolu. Din il-prova gustifikattiva kienet tispetta lill-appellanti qabel kull ezami dwar il-gravita' ta' l-inkonvenjenzi illi r-rikorrenti ssostni li qed issofri minhabba l-impossibilita' taghha li tibqa' tuza l-kunjom ta' l-ewwel zwieg taghha u rrispettivament mill-validita' tas-sottomissjonijiet taghha f'dan ir-rigward. Inkonvenjenzi illi fil-verita' huma facilment prevedibbli anke jekk il-gravita' taghhom tvarja minn kaz ghal kaz.

Din il-Qorti allura ssib illi l-artikolu 4 tal-Kodici Civili in kwantu ma jippermettix lill-armla illi meta terga' tizzewweg tibqa' zzomm, bhala parti mill-kunjom wara li terga' tizzewweg, il-kunjom li hi assumiet meta zzewget l-ewwel darba, hu leziv ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni

Ewropeja. Dan fih innifsu u mhux necessarjament allaccjat ma' l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni u ma' l-artikolu 45 tal-Kostituzjoni. Una volta din il-Ewwel Qorti waslet ghal dik id-decizjoni, ma jidhirx li hemm lok li tinoltra ruhha f'dibattitu li jkun purament akkademiku dwar jekk il-vjolazzjoni riskontrata kenitx ukoll leziva in kwantu kienet diskriminatorja.

Din il-Qorti tillimita ruhha biex tindika li taqbel mas-sottomissjonijiet ta' l-appellanti illi, kif inghad, dan ma setghax jigi kwalifikat bhala att diskriminatorju abbazi ta' sess. L-appellata tista' tilmenta biss b'gustifikazzjoni illi hi kienet trattata diversament minghajr ebda gustifikazzjoni valida in kwantu kienet armla u dan differentement minn kull individwu iehor u partikolarment minn kull mara ohra bhala li inghatat bid-dritt li tibqa' zzomm il-kunjom li kellha qabel iz-zwieg meta tizzewweg. F'dan is-sens ir-rikorrenti tista' targumenta illi "*her position (and position of people like her) is similar to, "analagous" to, the situation of people in the group she has identified as enjoying more favourable treatment*". ("Fredin vs Sweden" [A 192, 1991])

Din il-Qorti pero', kif inghad ma jehtigilhiex tinoltra ruhha f'dan l-aspett interessanti tal-vertenza una volta waslet ghall-konvinciment li kien hemm lezjoni tal-jedd fondamentali ta' l-appellata taht disposizzjoni ohra tal-Konvenzjoni.

Ghal dawn il-motivi, l-appell huwa michud u s-sentenza appellata konfermata b'dan li t-talba tar-rikorrenti qed tigi milqugha in kwantu tirrizulta lezjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja bla htiega ta' pronunzjament dwar aggravji ohra ta' l-appellata. Bhala rimedju specifiku ghall-kaz odjern, tiddikjara li wara t-tieni zwieg taghha, l-appellata ghandha d-dritt li taghzel li tkompli iggib il-kunjom tal-ewwel ragel tagha, illum mejjet, u li dan il-fatt ghandu jirrizulta fic-certifikat tat-tieni zwieg taghha. Ghal dan il-fini, tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata a kura u a spejjez tal-appellata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghraf jirregola ruhu konformement. L-ispejjez ta' dan l-appell ghandhom ikunu a karigu ta' l-appellanti u dawk ta' prima istanza ghandhom jibqghu kif gia' mill-Ewwel Qorti decizi.

Ir-Registratur ghandu jibghat kopja ta' din is-sentenza lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati ai termini ta' l-artikolu 242 tal-Kap 12.

Dep/Reg

cb